MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 529/2007

Wara li ra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal-hlas ta’ sitt mija, tlieta u tletin ewro u sebgha u tmenin centezmi (€633.87), ekwivalenti ghal Lm272.50, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc, in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu n-numru 21338078 (A/C 10096401 – CN1061374).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl- imghaxijiet u bl-ispejjez.

Dok A,B, u C mehmuzin,

Ra mill-attti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u dan ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta naqset milli tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tad-19 ta’ Frar, 2008 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------